**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 16 ta' Diċembru 2021**

**Rikors Revoka Nru. 155/2021 GM**

**Joseph Spiteri (K.I. nru 570155M)**

**vs**

**Carmen Spiteri (K.I. nru 465460M)**

**Il-Qorti,**

Permezz ta' din il-proċedura, ir-rikorrenti qiegħdha titlob it-tħassir ta' mandat eżekuttiv – ta' żgumbrament - ai termini tal-Artiklu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura.

Artiklu 281(3) jiddisponi li "L-Qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xhieda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata".

Ir-rikors ġie ppreżentat fil-15 ta' Ġunju 2021. Kontestwalment miegħu ġie ppreżentat rikors għas-sospensjoni tal-mandat pendenti s-smigħ ta' din il-

proċedura. Dan ġie miċħud minn din il-Qorti bi provvediment tal-24 ta' Ġunju 2021 billi mhux rimedju kkontemplat mil-liġi. Tentattiv fl-1 ta' Lulju 2021 biex jiġi notifikat l-intimat bir-rikors għat-tħassir tal-mandat ma rnexxiex għaliex skont riferta tal-istess data, fl-indirizz tan-notifika "ma fetaħ ħadd". Imbagħad sar tentattiv, b'suċċess, fit-23 ta' Lulju 2021. L-intimat ippreżenta risposta fis-27 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha oppona għat-talba tar-rikorrenti. Fis-16 t'Awwissu l-Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-20 ta' Settembru 2021. Is-seduta ġiet differita għat-2 ta' Diċembru 2021 billi l-imħallef sedenti kellu, fl-20 ta' Settembru 2021 stess, operazzjoni kirurġika serja fi sptar ġewwa Londra, u wara kellu bżonn perjodu ta' żmien biex jirkupra. Fl-1 ta' Diċembru 2021 l-intimat ippreżenta rikors li permezz tiegħu talab li l-Qorti ma tkomplix tieħu konjizzjoni tar-rikors billi skada t-terminu ta' xahar skont l-Artiklu 218(3) liema terminu huwa, skontu, wieħed perentorju.

Il-perjodu ta' xahar mid-data tal-preżentata skada fis-16 ta' Lulju 2021. F'dik id-data bdew il-ferjat tas-sessjoni ta' Ghid il-Ħamsin, u spiċċa fil-15 ta' Settembru 2021 (iż-żewġ dati nklużi).[1]

Bi tweġiba għar-rikors tal-intimat, ir-rikorrenti għamlet riferenza għal żewġ sentenzi. L-ewwel waħda ġiet ippronunzjata minn din il-Qorti, diversament ippreseduta. F'dik il-kawża, il-proċedura ġiet intavolata fl-14 t'April 2009 u ċjoe` xahrejn u nofs wara l-ħruġ tal-mandat. Il-Qorti tat id-digriet tagħha fit-18 ta' Novembru 2011. Hija qalet li kien hemm xi diffikultajiet biex isiru n-notifiki lill-kontroparti u fil-fatt saru wara l-ħinijiet legali, u li "**l-liġi ma ssemmix illi fil-każ li r-rikors sabiex jitħassar mandat eżekuttiv ma jiġix deċiż fl-imsemmi żmien li trid il-liġi hemm xi nullita".**[2] It-tieni pronunzjament huwa tal-Qorti tal-Appell. Fil-31 ta' Lulju 2013 ġie ppreżentat rikors għat-tħassir ta' subbasta.

[1] Ara L.S. 12.09, para. 28(3).
[2] Rikors Nru 371/09 Fl-atti tal-mandat numru 176/09 JVA fl-ismijiet Grezzju Farrugia v Carmelo Farrugia Prim'Awla ppreseduta mill-Onor. Imħ. Gino Camilleri.

Il-Qorti appuntat ir-rikors għas-6 ta' Settembru 2013. Ma saret l-ebda oġġezzjoni dwar l-iskadenza tal-perjodu ta' xahar quddiem l-ewwel Qorti, li saret l-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Appell, li kkunsidrat li r-rikors ġie ppreżentat u d-data tas-smigħ kienet waqt il-ferjat "ma ġie sollevat ebda lment, la quddiem l-ewwel Qorti u lanqas quddiem din il-Qorti dwar il-fatt li d-digriet tal-appuntament ingħata fil-perjodu tal-ferjat, u minn dan l-aspett hija valida s-sottomissjoni tal-appellata li kien hemm akkwijixxenza u ratifika ċara da parti taż-żewġ partijiet, li tinnewtralizza dan l-aggravju kif imressaq".[3]

Minn riċerka li għamlet din il-Qorti, sabet digriet ieħor ta' din il-Qorti, diversament ippreseduta, li ċaħdet l-eċċezzjoni tad-dekadenza. Hija bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq l-akkwijixxenza tal-partijiet, it-tqanqil mhux formali tal-eċċezzjoni, u ċ-ċirkostanzi straordinarji ta' emerġenza medika nazzjonali.[4]

Huwa interessanti li sentenza antika ta' dawn il-Qrati qalet li "*Per disposizione del Diritto Comune, quando un certo tempo dalla legge o dallo Statuto si prefigge per adempire un atto, trascorso che sia questo termine, non si ammette la purgazione della mora per adempirlo, perche` di diritto questo termine e` perentorio*".[5] Fortunatament din id-dottrina radikali tal-liġi antika m'għadhiex tapplika għal-liġi tal-lum. Tant li fi kliem il-Mattirolo: "*I termini sono perentori (detti anche fatali) o prorogabili – sono perentori i termini, scaduti i quali, la legge stabilisce la nullita o la decadenza*".[6] Fil-liġi moderna, għalhekk, it-

---

[3] Avukat Dr. Georgine Schembri v Francis Xavier Micallef 28.02.2014 Qorti tal-Appell (Superjuri).
[4] Wara l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 195/2019 fl-ismijiet Joanna Ganado v Edward Degaetano moghti minn din il-Qorti (Onor. Imħ. Francesco Depasquale) fil-25 ta' Settembru 2020. Id-digriet ġie appellat iżda għalkemm l-aggravju tat-trapass tat-terminu tqanqal fl-appell, dan ġie rtirat. L-appell inqata' fil-14.01.2021.
[5] Vella v Mifsud 25.08.1870 iċċitata minn Cremona, La Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile di Malta e sue Dipendenze paġna 195-6.
[6] Luigi Mattirolo, Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano, Vol 2, para 170 (5th ed., 1933).

termini huma perentorji biss fil-każijiet li fihom il-liġi timponi s-sanzjoni tan-nullita` jew tad-dekadenza. Skont Art. 152 tal-Kodiċi ritwali Taljan: "*I termini per il compimento degli atti del processo sono stabiliti dalla legge; possono essere stabiliti dal giudice anche a pena di decadenza, soltanto se la legge lo permette espressamente. I termini stabiliti dalla legge sono ordinatori, tranne che la legge stessa li dichiari espressamente perentori*".

Il-Kodiċi ritwali tagħna jsemmi espliċitament l-istanzi li ġejjin ta' termini perentorji, u saħansitra jikkontempla mhux biss termini perentorji legali imma wkoll termini perentorji mposti mill-Qorti:

Termini legali: Iż-żmien imsemmi fl-Art. 226 biex jiġi ppreżentat appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Art. 251); iż-żmien li fih tista' ssir talba għar-ritrattazzjoni (Art. 819(1)); iż-żmien għall-għeluq tal-proċedura bil-miktub fil-prim'istanza u fl-appell (Art. 963(1)); iż-żmien li fih kawża li tkun differita *sine die* jew xort'oħra sospiża għandha tiġi appuntata mill-ġdid biex ma taqax deżerta (Art.964(1)).

Termini ffissati mill-Qorti: żmien biex l-esperti jagħmlu stimi u rapporti dwar azjenda kummerċjali maqbuda b'mandat eżekuttiv (Art.312D) u b'mandat kawtelatorju (Art. 848B(2)); u żmien biex l-esperti jagħmlu stejjem dwar proprjeta` immobbli maqbuda (Art. 306(1)(a));

B'danakollu, il-liġi tagħna m'għandhiex disposizzjoni analoga għall-Art. 152 tal-kodiċi proċedurali Taljan. Għalhekk ma tindividwax in-natura ta' dawk it-termini ġudizzjarji li ma tikkwalifikax espressament bħala perentorji.

Caruana Galizia[7] jgħallem li "*as a rule, all times can be extended by the Court for a just cause, whether they be legal or judicial: the only exception refers to those times which may have been declared to be peremptory (Section 249), such as those established for lodging or prosecuting an appeal...*"

Din il-Qorti ssib li l-fehma ta' Caruana Galizia hija ankrata bl-iktar mod sod fil-bon sens. Hi wkoll konformi mal-aforiżma li *ubi lex voluit, dixit.* Barra minn hekk, lanqas hu preżumibbli li l-leġislatur ħa l-isbriga li jsemmi uħud biss mit-termini perentorji, b'mod li jabbanduna fil-limbu lil dawk li ma jsemmix, b'mod li joħloq konfużjoni u inċertezzi f'moħħ l-operaturi tal-makkinarju ġudizzjarju u jġiegħlhom joqgħodu jispekulaw jekk humiex perentorji jew le. Iktar huwa verosimili li l-leġislatur ikkwalifika bħala perentorji dawk l-istanzi kollha fejn l-interess pubbliku u proċesswali jitlob l-għeluq definittiv tat-terminu fl-interess tal-effiċjenza proċesswali u jiżboq b'mod ferm qawwi l-interessi privati tal-partijiet in kawża, u ppermetta li t-termini l-oħrajn kollha jistgħu jkunu pprorogati mill-Qorti, iktar u iktar meta jkun hemm ukoll il-kunsens tal-parti milquta.

Applikati l-prinċipji u t-tagħlim ġurisprudenzjali suesposti għall-każ preżenti, l-Qorti ssib li t-terminu *de quo* mhux wieħed perentorju u għalhekk huwa prorogabbli. Meta l-intimat ippreżenta r-risposta oriġinali tiegħu, it-terminu ta' xahar kien diġa` għadda – it-terminu ghall-ħruġ tal-mandati jgħaddi xorta waħda fil-ferjat (ara Art. 123 tal-Kap 12) u għalhekk loġikament għandu jgħaddi wkoll għat-terminu ta' xahar biex jiġi deċiż jitħassarx mandat eżekuttiv - iżda huwa ma qanqal l-ebda oġġezzjoni. Dan ifisser li kien hemm l-akkwijixxenza tiegħu għat-tkomplija tas-smigħ ta' din il-proċedura. Kien biss lejn l-aħħar tagħha li qanqal il-punt tad-dekadenza.

---

[7] Professur Victor Caruana Galizia, Notes on Civil Procedure paġna 1,333.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħdha tiċħad it-talba ta' Joseph Spiteri u tordna l-prosegwiment tas-smigħ tar-rikors prinċipali.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali f'din il-proċedura.

Moqri  bil-miftuh waqt l-udjenza tal-lum.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA